dawk tal-ewwel u l-pajjiżi li jissemmew f'dan il-ktieb.

Il-laqta Maltija mhijiex nieqsa fin-novelli imma l-awtur ma baqax imwaħħal fiha. Jissemmew irħula li l-qarrejja qajla jafu bihom, eżempju Looe (Ir-Ritratt, p.40), raħal fin-naħa t'isfel tal-Ingilterra u bliet oħrajn li ftit huma dawk li ma jafux bihom bħal Vjenna (p.55) bi storja ambjentata fil-famuża Stephenplatz.

## Stil

Waħda mill-karatteristiċi li tispikka f'dawn in-novelli hija l-konċiżjoni. L-istejjer huma qosra ħafna, u għalhekk il-qarrej ser jasal għal konklużjoni tal-istorja malajr. L-ekonomija tal-kliem hija ħila li mhux daqshekk faċli.

L-istejjer huma wkoll miktuba b'mod mexxej ħafna, u għaldaqstant jagħtu pjaċir lill-qarrej, mingħajr ma jnaqqsu mill-valur letterarju tagħhom. Dan għaliex kif spjegajt aktar `il fuq dawn in-novelli huma msawrin min-numru ta' ġrajjiet li evidentament juru l-esperjenza pjuttost vasta tal-awtur, kemm ta' qari u studju kif ukoll għal ħafna snin dik soċjali.

Karatteristika oħra ta' dawn in-novelli hija li t-tħaddim tajjeb tal-Malti. Mhuwiex miktub b'mod superflù; huwa frisk, la jħaddan kliem arkajku, imma fl-istess ħin lanqas jaqa' ifl-vulgarita' jew "Ingliżati" li ma jirriflettux fil-wisa' soċjeta' Maltija b'mod ġenerali.

## Konklużjonijiet

Mhuwiex faċli li minn dawn it-37 storja niġbed konklużjoni, għaliex l-istejjer huma konċiżi pero' minnhom tista' toħroġ bosta elementi. F'dawn l-istejjer ma nisbu ebda "sterjotip" ta' ideat la xi aġenda moħbija u lanqas xi dommatiżmu ta' kif għandha skont l-awtur tidher id-dinja. Minflok għandha dak kollu li l-bniedem jew jagħmel, jew jixtieq jagħmel jew jistħajjel.

Jekk xogħol l-imħallef huwa li jiġġudika, hawn qed jippreżenta minflok l-"Imħallef" li jisma' u jara l-ħajja bil-kuluri kollha tagħha (u forsi mhux qed nitbiegħed wisq mir-realtà). Mhux il-kuluri kollha jogħġbuna imma lkoll huma parti mill-ħajja. Huwa għalhekk li dan il-ktieb huwa mżewwaq b'ħafna sitwazzjonijiet differenti.

## Fuq il-Palk tal-Ħajja ta' Alfred Massa

Dan l-ktieb jikkonsisti fi 15 -il novella tal-awtur Alfred Massa. Dan l-awtur tana bosta kotba u għandu nukleju mhux żgħir ta' qarrejja li jfittxu dawn il-kotba tiegħu. Bħal fil-kotba l-oħra ta' Massa, it-tħaddim tajjeb ta' lsien pajjiżna biex bis-sempliċità jwasslilna stejjer li mill-ġdid ser jerġgħu jagħtuna gost naqraw.

Mill-banda l-oħra, rrid ngħid li Massa ma tantx tbiegħed mill-formolà li ħaddan matul dan l-aħħar snin. F'dan il-ktieb jinħass ftit l-isforz li dan l-istil jiġġedded. Imma jista' jkun li xi qarrejja jafu jsibu dawn ir-rumanzi mingħajr dik il-laqta li forsi wieħed isib fil-letteratura kurrenti. Ta' min ngħidu diffikultà li kitba bħal din tħabbat magħha hija wkoll li s-soċjetà tant qed tinbidel li sfortunatament (u m'għandi ebda problema li ngħid sfortunatament) jekk xogħol letterarju jiġi ppreżentat mingħajr kliem vulgari jew elementi relattivament tradizzjonali aktarx jidhru li huma maqtugħin mir-realtà, flok li qed jippreżentaw realtà oħra. L-umanità imma tiġi f' diversi forom u dak is sabiħ li qed iżomm id-dinja ddur, hu li kulħadd differenti u fil-maġġoranza hemm ħafna u ħafna pożittività fihom. Wieħed irid jesplora wkoll jekk hemmx agenda ultra liberali taħkem iċ-crieki letterarji li lanqas dik mhi daqshekk reali. Għadaqstant l-opinjoni dwar ktieb fl-aħħar mill-aħħar hija f'idejn il-qarrejja.

F'xi novelli li nsibu f'dan il-ktieb dak li huwa "antik" huwa intenzjonat. L-aktar mod ovvju huwa fil-każ ta' "Sapuna taċ-ċavetta" (p.85), storja ħelwa li xi qarrejja żgur ser iġġibilhom memorji, jew inkella ser jitgħallmu xi ħaġa. "Qasma bejn l-aħwa" (p.101) talludi għal ktieb "Jiemi fl-Indja" ta' Suor Emma Camilleri, li kien ħareġ fis-snin tmenin u għandi dubji kemm għadek issibu, sakemm ma tinzertahx ma' kotba użati għall-bejgħ.

L-aktar stejjer li laqtuni huma dawk li fihom hemm tmiem mhux dak mistenni, ngħidu aħna fl-ewwel novella naqraw li"dik li toqgħod faċċata tad-dar tagħha ma kienet Taljana xejn; kienet biss in-neputija ta' ħabibtha Spira" (p.22).

Element ieħor li jogħġobni huwa dak li juri r-realtà tal-mogħdija tal-ħajja (ngħidu aħna "Provenz", p.48; "Frotta Qarsa", p.73). Għada pitgħada jaf insibu ruħna ma' realtà differenti imma dak li nkunu għaddejna minnu ma jintemma qatt.

Il-fatt li l-ktieb ma jippruvax ikun dommatiku, ta' kif jaħseb li għandha tkun id-dinja, imma minflok jippreżentalna umani, bid-dgħjufijiet tagħhom anke f'ċirkostanzi kemmxejn jaħarqu (eżempju Kalzetta mqattgħa, p.180) huwa l-aktar element b'saħħtu li nara f'dawn l-istejjer. Il-korrettezza politika ma rabtitx idejn dawn l-awtur. Mill-banda l-oħra, xi waqtiet baqa' mwaħħad wisq mal-istess temi bħal ngħidu aħna li meta




l-mara tibda taħdem ħassitha tinġibed lejn I impjegat.

Kif għidt fil-bidu, dan l-awtur iħaddem Malti idjomatiku,eżemju "il-ħajja tixbah lil biċċa ħabel. (P.23) u dan huwa punt b'saħħtu ħafna li ser jagħni, ipaxxi u jagħti gost lill-qarrejja.

Dawk kollha li dan l-aħħar bdew jixtru l-kotba ta' Alfred Massa, ċert li għandhom jaraw li jfittxu dan il-ktieb ukoll biex jgħaqqduh mal-kollezzjoni tagħhom. Dawk li mhux wisq familjari mar-rumanzi u xogħlijiet oħra ta' dan l-awtur, imma qed ifittxu qari li jserrħek u jagħtik gost, żgur li mhux ser jiddispjaċihom b'dan il-ktieb.

# Jiftaħ Il-Konkors Nazzjonali Tal-Poeżija Doreen Micallef 2023

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qed jistieden lil poeti li jiktbu bil-Malti biex jipparteċipaw fil-ħames edizzjoni tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef li tnieda fl-2019 bil-għan li jsaħħaħ il-kitba poetika f'Malta u biex jiċċelebra l-poeżija miktuba bil-Malti. F'dawn l-aħħar snin il-Konkors intrebaħ minn poeti stabbiliti fosthom Therese Pace, Carmel Scicluna, il-Poeta Lawreata Nadia Mifsud, kif ukoll minn ilħna ġodda bħal Klara Vassallo.

Il-konkors ikun aġġudikat minn grupp ta' aġġudikanti li jinħatar kull sena mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-ġurija tevalwa kull poeżija, b'mod anonimu, skont damma ta' kriterji li jħarsu lejn l-awtentiċità, l-immaġinazzjoni, id-distintività fil-vuċi, u l-użu oriġinali tar-ritmu u l-figuri tat-taħdit.

Ikunu ppremjati l-ewwel tliet postijiet; l-awturi tal-poeżija rebbieħa jirċievu premju ta' €1,000, u l-awturi taż-żewġ poeżiji ta' warajha jirċievu premju ta' €200 u €100 rispettivament. Ir-rebbieħa tal-konkors jitħabbru f'ċerimonja mtellgħa waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023 li dis-sena se jsir bejn it-18 u t-22 ta' Ottubru fiċ-Ċentru Malti għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC) Ta' Qali.

Il-parteċipanti huma mitluba jissottomettu poeżija oriġinali waħda biss li ma ġietx ippubblikata qabel xi mkien ieħor.

Il-poeżija trid tkun bil-Malti u ma taqbiżx is-36 vers. Kull applikant mitlub jaqra bir-reqqa r-regolamenti tal-Konkors li jinsabu ppubblikati fuq is-sit tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (https://ktieb.org.mt/)

L-applikazzjoni mimlija b'mod sħiħ għandha tinbagħat bil-posta flimkien ma' erba' kopji tal-poeżija sottomessa, iffirmata biss bi psewdonimu, f'dan l-indirizz: Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2023, Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Kumpless Bice Mizzi Vassallo, Triq Arnhem, Pembroke PBK 1776 sa mhux aktar tard mit-Tnejn is-7 t'Awwissu 2023 f'nofsinhar.

L-applikanti għandhom jibagħtu wkoll kopja tal-poeżija tagħhom permezz tal-formola tal-applikazzjoni online, permezz tal-istess sit.